# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spetturi Rennie Stivala u Arthur Mercieca)**

**vs**

**Martin Joseph Xuereb**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba kontra **Martin Joseph Xuereb** ta' 41 sena detentur tal-karta tal-identita' numru 509090M fejn ġie akkużat talli fil-Fgura, Triq tal-Gallu, fid-19 t'Ottubru 2013 u fil-jiem ta' wara : -

"1. Fid-19 ta' Ottubru 2013, bil-ħsieb li jwettaq frodi b'egħmil qarrieqi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni, u ta' bidu għall-esekuzzjoni tar-reat, lieam reat ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u

indipendenti mill-volonta tiegħu, billi b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda' b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar minn ħamest mitt ewro **(€500)** iżda mhux aktar minn ħamest elef ewro **(€ 5,000)** għad-dannu tal-kumpanija Citadel Insurance Agency Limited, Victoria Insurance Agency u/jew persuni/kumpaniji oħra;

2. u aktar talli, f'dawn il-Gżejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq, bil-ħsieb li jwettaq frodi b'egħmil qarrieqi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni, u ta' bidu għall-esekuzzjoni tar-reat, fejn bi ħsara għall-ħaddieħor, pprova jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq qħad-dannu ta' diversi persuni u/jew kumpaniji ta' assikurazzjoni, liema reat ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu;

3. u aktar talli f'dawn il-Gżejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq sabiex jikseb vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għall-ħaddieħor, f'xi dokument xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz;

4. talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;"

Rat li matul is-seduta tal-5 ta' Frar 2016 l-Uffiċjali Prosekuturi ikkonfermaw l-imputazzjonijiet bil-ġurament.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu dottor Christopher Chircop tenna li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat li l-Qorti bdiet tisma' l-provi u tirċievi dokumenti;

Rat li matul is-seduta tal-20 t'April 2016, l-imputat debitament assistit mill-Avukat Christopher Chircop, iddikjara li huwa kien ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi. Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb

li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati.

Semgħet lill-Partijiet jitrattaw dwar il-piena infliġġenda u senjatament : -

A. lill-Uffiċjal Prosekutur jiddikjara illi –

1. Matul l-investigazzjoni l-imputat ikkopera bi sħiħ mal-Pulizija;
2. l-fedina penali tiegħu pero hija waħda refrattarja ħafna;
3. mill-banda l-oħra minħabba l-entita tal-involviment tiegħu fil-każ il-Prosekuzzjoni ma kienetx qed titlob għall-piena karċerarja fil-massimu tagħha;
4. l-imputat ma kellux x'jirrifondi lill-assikurazzjoni;

B. Lid-Difiża li tenniet li kienet qegħda taderixxi mad-dikjarazzjonijiet tal-Uffiċjal Prosekutur u tenniet ulterjorment li l-imputat ammetta mat-tieni darba li saret seduta utli fil-każ tiegħu kif ukoll li huwa spjega l-involviment minimu tiegħu f'dan il-każ bħala li kien wieħed żgħir ħafna, tant li l-Avukat Difensur iddeskrivih bħala li kien ħuta żgħira.

***Ikkunsidrat : -***

Illi meta l-Qorti tqis l-imġieba tal-imputat f'dan il-każ, verament li ma tistax tgħid li l-involviment tiegħu fl-iskema frawdolenta intrapriża f'dan il-każ kienet xi waħda mill-aktar serja u efferata. Mill-banda l-oħra pero fattur li ma jgħin xejn lill-imputat huwa li huwa pluri-reċidiv b'mod mill-aktar qawwi. Qari tal-fedina penali tiegħu turi li b'xorti ħażina, huwa għandu għadd ta' sentenzi ta' priġunerija kontra tiegħu. Dan il-fatt jagħmilha mhux possibbli li tittratta miegħu b'pieni alternattivi għall-dawk tal-ħabs effettiv. Mill-banda l-oħra minħabba li l-involviment tiegħu f'dan il-każ kien wieħed relattivament baxx, imqabbel ma dak ta' diversi imputati u kundannati oħra li kienu involuti f'din l-iskema frawdolenti, il-piena ta' priġunerija li sejra tiġi inflitta lilu mhix ser tkun qrib il-massimu stabbilit mill-Liġi.

# ***DEĊIDE***

Li wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 41(1)(a), 188(2), 295, 308, 309, 310(1)(a) (kif kienu qabel l-emendi tal-Att XXIV tal-2014) tal-Kodiċi Kriminali, fuq l-ammissjoni inkondizjonata tiegħu stess, qegħda ssib lil **Martin Joseph Xuereb** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Kwantu għall-piena l-Qorti wara li rat l-Artikolu 17(b)(h) tal-Kodiċi Kriminali (stante li qegħda tikkonsidra għall-fini ta' piena li t-tieni imputazzjoni bħala li għandha titqies assorbita fl-ewwel imputazzjoni kif ukoll li t-tielet imputazzjoni għandha tiġi ritenuta bħala mezz għall-fini biet jitwetqu l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u għalhekk) qegħdha tikkundanna lill-ħati għall-piena ta' **tmintax il-xahar priġunerija**.

Finalment il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

***Mogħtija illum l-1 ta' Ġunju 2016 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***